## Brincat Anna at Parlament-MT

| | |
|---|---|
| **From:** | Ryan Fava <ryan.fava@enemalta.com.mt> |
| **Sent:** | Tuesday, 24 October 2023 12:39 |
| **To:** | Brincat Anna at Parlament-MT |
| **Cc:** | Darren Carabott; Ryan Fava |
| **Subject:** | RE: [External] - Re: PAC witness 24.10.23 and request for information |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Għażiża Ms Brincat,

Nikkonferma li ser inkun preżenti għal-laqgħa ta' llum u li ser inġib miegħi kopja tal-Conversion Term Agreement iffirmat bejn ElectroGas u Enemalta.

Permezz ta' din il-korrispondenza qiegħed ukoll nagħti l-informazzjoni mitluba fl-email tiegħek:

- F'każ li l-floating storage unit ikollu jagħmel storm mooring kemm idum iservi l-LNG minn meta jinqala' l-FSU minn fejn ikun moored;

  Meta l-kundizzjonijiet klimatiċi jkunu tali li jeħtieġu li l-FSU jinħareġ minn mal-moll fil-pożizzjoni ta' storm mooring, dan isir bħala miżura ta' sigurta'. Għaldaqstant, wieħed mill-ewwel interventi li jsiru huwa li tingħalaq għal kollox il-provvista ta' LNG mill-FSU għar-regasification plant, u dan sabiex il-flexible hose li fih jinġarr l-LNG mill-FSU ikun jista' jinqala minn mal-FSU. Hekk kif jinqala dan il-flexible hose (ċioe' fil-bidu tal-proċess ta' storm mooring) tinqata' l-provvista ta' LNG. Minn kemm ilu hawn l-FSU, minn Diċembru 2016, din il-proċedura tħaddmet biss erba' (4) darbiet.

- Jekk id-dettalji li hemm imniżżla fuq il-kopja (li ġiet mgħoddija lilek waqt il-laqgħa tal-bieraħ) tal-aġenda tal-Extraordinary Board of Directors meeting, imsejjaħ għat-12 ta' Ottubru 2013 fil-11.00 a.m., u li ġġib id-data tat-18 ta' Jannar 2014, jaqblux mad-dettalji li hemm fuq id-dokumenti li qegħdin fir-records ta' Enemalta;

  Nikkonferma li saret laqgħa straordinarja tal-bord tad-diretturi fit-12 ta' Ottubru 2013, fil-ħdax ta' filgħodu, u segwiet l-aġenda li ġiet murija lili fil-laqgħa li għaddiet.

- Il-kalkoli li jsiru minn Enemalta biex jiġi vverifikat li l-klawsola li titkellem dwar il-guaranteed heat rate, li hemm fil-Conversion Term Agreement li sar bejn ElectroGas u Enemalta, qiegħda tiġi onorata; u

  Il-guaranteed heat rate hija figura li tirrappreżenta l-parametru tal-effiċjenza minima li ġiet garantita lil Enemalta kuntrattwalment, biex jekk l-impjant ikun qed jiffunzjona b'mod inqas effiċjenti minn dak garantit kuntrattwalment (b'heat rate ogħla u għalhekk b'konsum iżjed għoli ta' gass) dik l-ineffiċjenza tbatiha l-ElectroGas u mhux Enemalta. Din il-figura tvarja skond ċerti parametri, inkluż il-'mode' li jkun qed jopera fih l-impjant, kif ukoll it-temperatura. Din tinħadem billi tiġi identifikata il-figura relevanti minn tabella annessa mal-kuntratt u tiġi aġġustata biex tiġi meqjusa d-degradazzjoni tal-impjant.

- Informazzjoni li jista' jkollha Enemalta dwar kif ġie procured il-floating storage unit minn ElectroGas.

  L-FSU kien parti mis-sistema komplessiva li pproponiet ElectoGas fl-offerta tagħha għat-tender maħruġ mill-Enemalta. Ir-responsabiltà sabiex jiġi prokurat FSU b'dawk il-kwalitajiet u specifications li ntrabtet bihom ElectroGas fl-offerta tagħha kienet totalment taqa' fuq ElectroGas. Għaldaqstant, Enemalta m'għandha ebda informazzjoni dwar kif ġie prokurat l-FSU, ħlief li dan ġie prokurat minnha permezz ta' charterparty.

Biex nikkonkludi, xtaqt ukoll nikkjarifika dik il-parti tax-xhieda tiegħi li fiha ġejt mistoqsi dwar min iħallas is-Sisa, jekk hux Enemalta jew ElectroGas. Jien weġibt li din titħallas minn Enemalta, però għandi niċċara li l-obbligu għall-ħlas tas-Sisa f'dan il-każ huwa fuq min jiġġenera l-elettriku, ċioe' ElectroGas. Għalhekk hija ElectroGas li tħallas is-Sisa direttament lill-Gvern. Wara li titħallas is-Sisa, Enemalta tħallas lil ElectroGas ammont ekwivalenti għal dak li tkun ħallset. Kien għalhekk li weġibt li Enemalta tħallas is-Sisa, iżda jista' jagħti l-każ li ma kontx ċar dwar kif attwalment isiru l-ħlasijiet.

Tislijiet,

Ryan

**Ing. Ryan Fava**
Chairman | Enemalta plc

| E: ryan.fava@enemalta.com.mt| W: www.enemalta.com.mt

enemalta
energise your ideas

Follow us on Facebook

Think before you print! Consider the environment before printing this e-mail.

This email message (inclusive of any attachment/s thereto) may contain confidential and privileged information. It is intended only for the use of the stated addressee/s and access or reliance on this email message by any other person/s is unauthorised. You are hereby notified that if you are not the stated addressee/s you are strictly prohibited from reading, circulating, copying, distributing, disclosing, forwarding or using in any other manner any information contained in this email message or any attachment/s thereto. If you have received this email message (and/or any attachment/s thereto) in error and/or you are not the intended recipient/s thereof you are hereby kindly asked to destroy this email message (and any attachment/s thereto), as well as all copies thereof, and permanently delete this email message (and any attachment/s thereto) from your computer system/server and to notify us by return email, telephone on 80072224 or fax 22980261.

**From:** Brincat Anna at Parlament-MT <anna.brincat@parlament.mt>
**Sent:** Wednesday, October 18, 2023 12:30 PM
**To:** Ryan Fava <ryan.fava@enemalta.com.mt>
**Cc:** Darren Carabott <carabottdarren@gmail.com>
**Subject:** [External] - Re: PAC witness 24.10.23 and request for information

Inġ. Ryan Fava

Qed ngħaddilek it-taħrika għal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li hija skedata għal nhar it-Tlieta, 24 ta' Ottubru 2023 fis-2.00 p.m. Għal din il-laqgħa inti qiegħed tiġi mitlub sabiex iġġib miegħek kopja tal-Conversion Term  Agreement iffirmat bejn ElectroGas u Enemalta.

Ippermettili nfakkrek li waqt il-laqgħa tal-istess Kumitat, li saret ilbieraħ, inti ġejt mitlub sabiex sal-laqgħa li jmiss tipprovdi din l-informazzjoni:

- F'każ li l-floating storage unit ikollu jagħmel storm mooring kemm idum iservi l-LNG minn meta jinqala' l-FSU minn fejn ikun moored;

- Jekk id-dettalji li hemm imniżżla fuq il-kopja (li ġiet mgħoddija lilek waqt il-laqgħa tal-bieraħ) tal-aġenda tal-Extraordinary Board of Directors meeting, imsejjaħ għat-12 ta' ottubru 2013 fil-11.00 a.m., u li ġġib id-data tat-18 ta' Jannar 2014, jaqblux mad-dettalji li hemm fuq id-dokumenti li qegħdin fir-records ta' Enemalta;

- Il-kalkoli li jsiru minn Enemalta biex jiġi vverifikat li l-klawsola li titkellem dwar il-guaranteed heat rate, li hemm fil-Conversion Term Agreement li sar bejn ElectroGas u Enemalta, qiegħda tiġi onorata; u

- Informazzjoni li jista' jkollha Enemalta dwar kif ġie procured il-floating storage unit minn ElectroGas.

Nirringrazzjak u nselli għalik


Anna Brincat
Clerk for Public Accounts Committee
Standing Committee for the Environment, Climate Change and Development Planning
National Audit Office Accounts Committee

**t:** +356 25596308 **e:** anna.brincat@parlament.mt | www.parlament.mt

HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLIAMENT OF MALTA
FREEDOM SQUARE, VALLETTA, MALTA


*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*